Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 26**

**Data:** Il-Ħamis, 22 ta' Frar 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**26.1 Ittri ta' apoloġiji**

26.1.1 Il-President semma li s-Sur Anthony Chircop, is-Sur Max Zammitu Dr. Samuel Azzopardi talbu li jkunu skużati.

26.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

**26.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 24**

26.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

26.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**26.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 26**

26.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Steven Axisa u Kav. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-19 ta' Jannar 2024 u t-22 ta' Frar 2024 li kienet tammonta għal €177,197.53.

**26.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **26.4.1 RIGHTS** | Il-President semma li kien qed isir it-taħriġ minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Semma wkoll li kienu ser jibdew laqgħat mal-Kunsilli Lokali individwali. |
| **26.4.2 MIEMA** | Il-President semma li kien għadda kopja tal-MoU lill-avukat tal-AKL sabiex jagħti direzzjoni huwa jekk l-Assoċjazzjoni għandiex tiffirmah. Semma wkoll li ser ikun hemm laqgħa mal-MIEMA u l-avukati tagħhom. |
| **26.4.3 MCAST Apprenticeship** | Il-President semma li kienu bdew 4 appretistati mal-Assoċjazzjoni. Semm ali għandhom sentejn u li tnejn huma ġejjin mill-kors tal-Business Administration u tnejn oħra mill-ICT. |
| **26.4.4 INDIS** | Il-President semma li intlabet laqgħa mal-INDIS sabiex jitlesta l-proċess u jkun iffirmat il-kuntratt il-ġdid. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **26.4.5 All Digital National Coordinator** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni flimkien mal-E-Skills Foundation kienet magħżulha bħala National Coordinator għal European Digital Week. Il-President semma wkoll li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tahdem mal-FITA fuq din l-inizjattiva kif ukoll ser tkun qed tnidi l-proġett ta' Nessy li ser ikun tgalliem diġitali fuq il-literiżmu. |
| **26.4.6 MCA Seminar** | Il-President semma li s-seminar kien wieħed ta' suċċess u li ser ikun qed jerġa' jiltaqa' mal-MCA sabiex issir follow up workshop. |
| **26.4.7 Laqgħa mas-Segretraju Permanenti** | Il-President semma li kienet intalbet laqgħa ta' introduzzoni mas-Segretarju Permanenti s-Sur Kevin Mahoney. Il-President semma li kien għadu qed jistenna data għal-laqgħa. |
| **26.4.8 Laqgħa ma' Shadow Minister għall-Gvern Loakli** | Il-President semma li ser issir laqgħa ta' introduzzjoni wkoll mal-Onor. Dr. Chris Said nhar 20 ta' Marzu 2024. Il-President talab lill-Eżekuttiv sabiex ikun preżenti. |

**26.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-sena 2023 Awditjat**

26.5.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju għas-Sena 2023 awditjat.

26.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva r-rapport.

**26.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Management Letter u Management Reply għas-sena 2023**

26.7.1 Il-President preżenta kemm il-Management Letter kif ukoll ir-risposta li s-Segretarja ħejjiet għaliha.

26.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata mill-Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva d-dokumenti. Il-President irringrazzja kemm lill-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni kif ukoll lill-accountant li tlesta l-awditjar fi żmien qasir u b' mod mill-aktra effiċjenti. Il-President irringrazzja wkoll lill-kumpanija tal-awditjar għas-servizz li taw.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**26.8 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **26.8.1 ELDW** | Il-President semma li fi Frar l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tattendi għal Award Cermony ta' ELDW ġewwa Starsburgu peress li l-Assoċjazzjoni anki applikat sabiex tieħu t-titlu. |
| **26.8.2 Planet Youth (ECAD)** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun rappreżentata fil-konferenza Planet Youth ġewwa l-Iżlanda. |
| **26.8.3 Mission Statement AKL** | Il-President semma li waral-konferenza li saret f' Novembru 2023 – Back to Basics, l-Assoċjazzjoni kienet għada qed taħdem sabiex jitfassal l-Mission Statement tal-Assoċjazzjoni. Il-President semma li dan qiegħed fl-istadju finali qabel jitella' għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Eżekuttiv f' Marzu. |
| **26.8.4 Sea SEM Project** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tkun ikkonsultata fuq il-proġett imsemmi. Semma li dan huwa proġett ta' Infrastruttura Malta u Transport Maltau qed jiġi kkunsidrat sabiex jidaħħlu ċerti rotot minn Slow Streets. |
| **26.8.5 Universita' ta' Malta – Proġett fil-Lokal** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet ukoll ikkuntatjata mill-Univerista' ta' Malta sabiex isiru proġetti bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonal u Lokali. Semma li ser ikun qed jitlobhom aktar informazzjoni. |
| **26.8.6 Post Vakant fi Skala 11** | Il-President semma li l-post għadu vakant u l-call għadha miftuħa. Semma li reġa' ħareġ l-avvizz. |
| **26.8.7 Public Service Expo** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ikkuntatjata sabiex tipparteċipa fl-Expo bit-tema ħiliet. Semma li talab lill-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti għall-aktra dettalji. |
| **26.8.8 Laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni flimkien mad-Diviżjoni qed tiltaqa' kull xhar bl-iskop li jiġu mitkellma ċerti diffikultajiet u jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi fil-Gvern Lokali. Semma li kienu diskussi dawn it-temi: awditjar tal-Kunsilli, Book keeping li jibda jsir in-house, invoices tal-iskart mir-Reġjuni, allokazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali, Responsabbilitajiet tal-Amministrattiv u l-Elett, Moniteraġġ, Ingaġġ ta' ħaddiema mal-Kunsilli Lokali, Taħriġ tal-ħaddiema, eliġbilita' għal postijiet vakanti. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **26.8.9 WIKI Travel** | Il-President semma li qabel l-Assoċjazzjoni tikkometti għal dan il-proġett ser naraw li jkun hemm laqgħa mal-ITS sabiex possibbilment ikunu hemm tim ta' apprentisti li jistgħu jgħinu fil-kontenut ta' dan il-proġett. |
| **26.8.10 Ombudsman** | Il-President semma li kienet inżammet laqgħa mal-Ombudsman li qed issir ukoll frekwentament sabiex ikunu indirizzati ilmenti li l-Kunsilli għandhom fil-konfront ta' entitajiet diversi. |
| **26.8.11 Malta Strategic Partnership Project** | Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-MSSP dwar kif jistgħu jassistu lill-Kunsilli Lokali fuq proġetti. |
| **26.8.12 Proġett You Matter** | Il-President semma li l-proġett You Matter, li ser ikun qed jiffoka fuq għajnuna minn psikoloġisiti kif ukoll għadd ta' workshops li jitrattaw il-Wellbeing tal-Membri Eletti, Segreatrji Eżekuttivi u ħaddiema. Il-President semma li tnedija ta' dan il-proġett ser issir nhar 13 t' April 2024. |
| **26.8.13 Bus Shelters** | Il-President semma li għaddejjin il-komunikazzjonijiet bejn MTP u anki l-kuntrattur sabiex jibdew jiġu installati l-ewwel bus shelters li huma ta' prijorita' semma li ġie stabbilit li fejn hemm data li turi użu ta' 12,000 jew aktra passiġġier ser ikunu qed jiġu nstallati bi prijorita'. |
| **26.8.14 Circular Economy Malta** | Il-President semma li qed ikun hemm laqgħat bejn l-Assoċjazzjoni u Circular Economy Malta sabiex ikun hemm kampanji fuq sostenibbilita' u anki lil-importanza li wieħed jirriċikla u jissepara l-iskart. |
| **26.8.15 Proġett tal-Parking Area AKL** | Il-President semma li l-BOQ ser tkun qed tiġi ffinalizzata fil-jiem li ġejjin. Ser ikunu qed jinġibu l-permessi kollha li hemm bżonn u wara jinħareġ it-tender. |

26.8.16 Is-Sur Stephen Sultana talab li jkun skużat fis-18:18.

| | |
|---|---|
| **26.8.17 Kollaborazzjoni mal-Eġittu** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċiviet talba mill-Eġittu sabiex issir kollaborazzjoni fuq diversi proġetti. Il-President semma li ser ikunu qed jikkomunikaw xi ideat. |
| **26.8.18 PCRB** | Il-President informa li reġa' hemm PCRB fuq il-każ tal-Enemalta u l-kuntrattur flimkien mal-Kunsilli Reġjonali. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **26.8.19 COLA – Kuntratturi ġbir ta' skart** | Il-President semma li bħala Assoċjazzjoni ser ikun hemm laqgħa mal-avukat rigward direzzjoni kollettiva għar-Reġjuni fuq il-ħlasijiet tal-COLA lill-kuntratturi. |
| **26.8.20 Reġjun Għawdex** | Il-President awgura lir-Reġjun Għawdex li qed jikkompeti u kellu t-tnedija tal-ktieb għar-Reġjun Ewropew tal-Gastronomija. |
| **26.8.21 Open Day** | Il-President semma li għall-Mejju, l-Assoċjazzjoni għandha torganizza ġurnata għall-familja u Open Day f' post fejn il-familji jiltaqgħu bħalma huwa ta' Qali sabiex issir Expo tal-ħidma tal-Kunsilli Lokali kif ukoll tkun ta' opportunita' għal dawk kollha kemm li ser jikkontestaw l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kif ukoll għar-residenti biex isiru jafu aktar fuq l-irwol tal-Kunsill. Semma li data tentattiva hija nhar 5 ta' Mejju 2024. |
| **26.8.22 Immaniġġjar ta' skart** | Il-President semma li għaddhom għaddejjin id-diskussjonijiet fuq livell ministerjali rigward il-kwistjonijiet li għaddhom pendenti mal-RPOs fosthom dik tal-VAT kif ukoll ir-rata tal-ġbit ta' skart kummerċjali. Il-President semma wkoll li huwa konxju li għadd hemm nuqqas ta' direzzjoni sabiex il-Wasteserv tħallas lir-Reġjuni tal-ġbir ta' skart organiku miċ-ċimiterji.<br>Is-Sur Jesmond Aquilina talab forsi l-Assoċjazzjoni tista' torganizza workshop ta' informazzjoni fuq kif nistgħu inqasu l-iskart mill-borża s-sewda. Il-President semma li ser ikun qed jara kif jista' jagħmel dan anki b' għajnuna minn entitajiet internazzjonali. |
| **26.8.23 Direttorat għat-Tindif** | Il-President semma li d-Direttorat għat-Tindif għaddejj b' kampanja fejn qed ibgħatu għas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi kollha, Kunsill wieħed wieħed biex iħajruhom jagħddulhom l-allokazzjoni kollha li l-Kunsilli għandhom għall-knis u jkunu huma li jibdew jagħmlu l-knis anki f' toroq li legalment ir-responsabbilita' hija tal-Kunsilli Lokali. Dan qed isir minkejja li d-Direttorat jaf li qed jidħol fir-responsabbilitajiet tal-Kunsilli Lokali.<br>Minkejja li qed jingħad li dan isir b' għażla tal-Kunsilli Lokali rispettivi, il-mod kif jitpoġġa l-kliem waqt dawn il-laqgħat fejn il-Kunsilli jiġu mwiegħda li ser jinataw diversi apparat ieħor barra l-kenniesa assenjati, ħafna huma dawk il-Kunsilli li qed jaqgħu għal dan u jiffirmaw kuntratt għall-ħames snin biex b' |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

hekk ukoll qed jorbtu Kunsilli Lokali eletti ġodda minn Ġunju li ġej. Dan meta l-istess Kunsilli Lokali ma jitħallewx joħorġu tender għall-ħames snin mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsilli Lokali għadhom mhumiex jifhmu li meta qed jgaħddu l-allokazzjoni sħiħa lid-Diretorat tat-Tindif, dawn ser ikunu esposti b' nuqqas ta' fondi għal xogħlijiet oħrajn għaliex ħafna huma dawk il-Kunsilli li mill-allokazzjoni tal-knis jużaw fondi għaż-żamma ta' soft areas u xogħol ieħor relatat. Tajjeb jingħad ukoll li waqt dawn il-laqgħat id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat tat-Tindif qed ikollu l-figuri kollha tal-allokazzjoni li għandhom il-Kunsill sabiex joffru dan is-servizz.
L-Assoċjazzjoni kellha allegazzjonijiet min-numru ta' Sindki fejn intqal lijlhom li jekk ma jiffirmawx il-kuntratt ma jibqgħux jingħataw assistenza mill-istess Direttorat.
Dan huwa mod ieħor kif responsabbilitajiet ta' Kunsilli Lokali qed ikunu ċċentralizzati. L-Eżekuttiv qabel u appoġġa l-punti msemmija mill-President.

**26.9 Aġġornament**

26.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.27 li nżammet nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**